

Brussell, 25 ta' April 2017
(OR. en)

8491/17

COEST 90
FIN 271

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' April 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7887/17	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 32/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar assistenza mill-UE lill-Ukrajna

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 32/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar assistenza mill-UE lill-Ukrajna, adottati mill-Kunsill fit-3531 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' April 2017.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 32/2016
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar assistenza mill-UE lill-Ukrajna**

1. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Qorti tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 32/2016 dwar assistenza mill-UE lill-Ukrajna u jieħu nota sew tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Qorti.
2. Il-Kunsill jieħu nota b'mod pożittiv tal-appoġġ tal-Kummissjoni għar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Il-Kunsill jilqa' l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni u l-fatt li din diġà tinsab fil-proċess li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha.
3. Il-Kunsill jilqa' r-reazzjoni fil-pront tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-istabbilizzazzjoni makroekonomika u finanzjarja tal-Ukrajna, anki fil-kuntest tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mir-Russja u l-kunflitt fl-Ukrajna tal-Lvant u jirrikonoxxi l-kapaċità tal-Kummissjoni li timmobilizza b'mod rapidu riżorsi sinifikanti billi tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha fl-ispirtu ta' approċċ komprensiv. Il-Kunsill jilqa' r-ritorn pjanat għal programmazzjoni pluriennali taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) mill-2018.
4. Il-Kunsill ifaħħar il-progress li sar mill-Ukrajna fil-proċess ta' riforma sa issa u jappella għal appoġġ komprensiv u kontinwu għall-programm ambizzjuż ta' riforma tal-Ukrajna, biex tibni fuq il-kisbiet tal-aħħar sentejn. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Gvern tal-Ukrajna biex jinkorpora l-progress tiegħu fir-riformi u jevita li jieħu passi lura, bħall-inklużjoni proposta ta' NGOs fil-liġi dwar id-dikjarazzjoni elettronika.
5. Il-Kunsill ifakkar li l-appoġġ tal-UE jeħtieġ li jiffassal bir-reqqa bl-użu ta' taħlita adatta ta' strumenti u jkun marbut mill-qrib ma' stadji, punti ta' riferiment u kriterji ta' valutazzjoni ddefiniti minn qabel fir-rigward tar-riformi. Il-Kunsill jilqa' r-rwol importanti tal-Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna fil-faċilitazzjoni u l-koordinazzjoni ta' dan l-appoġġ u tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili. Il-Kunsill jenfasizza r-relevanza tal-kondizzjonalità biex tiżgura aktar progress konkret fir-riformi, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u jappella għal użu bir-reqqa u kontrollat tal-appoġġ baġitarju.

6. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-appoġġ tal-UE attwali u futur jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi politiċi usa' tas-sħubija tal-UE mal-Ukrajna, kif iddikjarat fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
 7. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tagħti aġġornamenti regolari dwar il-kwistjonijiet imqajma mir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri filwaqt li tiżgura li jiġu indirizzati b'mod sistematiku, inkluż permezz tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, kif adatt.
 8. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tanalizza l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mill-Kummissjoni fi żmien sentejn.
-